MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tas-17 ta' Gunju, 2005

Talba Numru. 878/2005

**Vincent Cuschieri Limited**

**vs**

**Bellview Limited**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fl-20 t'April 2005 fejn gie mitlub li s-socjeta' konvenuta tigi kkundannata thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' mija sebgha u disghin Liri Maltin u wiehed u ghoxrin centezmu (Lm197.21) dovuta mis-socjeta' konvenuta rapprezentanti prezz ta' merkanzija mibjugha u kkonsenjata fuq struzzjonijiet tal-istess socjeta' konvenuta.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra legali datata 15 ta' Marzu 2005 u bl-imghax legali dekorribbli mid-data tal-fattura

relattiva kontra s-socjeta' konenuta li hija ingunta ghas-subizzjoni.

Ra n-Nota ta' Ammissjoni ipprezentata mis-socjeta' konvenuta fis-seduta tat-13 ta' Mejju 2005.

Ghaldaqstant fuq ammissjoni, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talbiet tas-socjeta' attrici u jikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' mija sebgha u disghin Liri Maltin u wiehed u ghoxrin centezmu (Lm197.21), bl-imghax kif mitlub.

L-ispejjez ta' din l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mis-socjeta' konvenuta skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------